# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta’ Ta’ Xbiex

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 02

**22 ta’ Lulju, 2019**

**Il-Kunsill Lokali ta’ Ta’ Xbiex iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta’ Xbiex XBX1150, fil-ħamsa u nofs ta’ filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Oriana Calleja – Viċi Sindku**
**Ronnie Portelli – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**
**Eugenio Muscat - Kunsillier**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

## 2.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;

**2.1.1** **Kulħadd kien preżenti għal-laqgħa u għaldaqstant ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.**

## 2.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

**2.2.1** **Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni. Ma kienx hemm l-ebda korrezzjoni.**

**Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.**

## 2.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

**2.3.1** **Is-Sindku qal li l-applikazzjoni tal-vakanza full time Scale 15 għalqet l-ġimgħa li għaddiet 19 ta' Lulju 2019. Huwa infurma lill-Kunsilliera li kien hemm biss applikazzjoni waħda tas-Sur Aris John Fenech. Il-Kunsill iddeċieda li jsir l-*interview* nhar it-Tnejn 29 ta' Lulju 2019. Il-Bord huwa kompost mis-Sindku Max Zammit, mil-Kunsillier Ronald Portelli u mil-Kunsillier Eugenio Muscat. Is-Segretarju fuq il-bord kien is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Yasmine Tonna.**

**2.3.2** **Is-Sindku qal li ġietu idea sabiħa ħafna li jemmen li tkun ta' attrazzjoni fuq il-*Belvedere* billi nagħmlu l-għoli tat-taraġ tal-*Belvedere* taċ-ċeramika. Is-Sindku qal li bħalissa qed nġibu kwotazzjonijiet. Il-Kunsill qabel imma l-Kunsillier Eugenio Muscat ġibed l-attenzjoni biex qabel nikkonsultaw mal-*public works* minħabba li dan kien proġett tagħhom.**

## 2.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

**2.4.1** **Il-Ministeru tat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali qed jbiddlu l-katusi tad-dranaġġ kif ukoll se jaghmlu t-triq mil-ġdid fi Triq Imradd li tiġi t-triq tal-Kunsill. Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti kif ukoll is-Sindku Max Zammit innutaw li kif il-ħaddiema huma għaddejien biex xogħolijiet f'din it-triq jidher li t-triq hija mibnija fuq il-ħamrija u huma u jħaffru qed ikun hemm ħafna qasmiet kemm fit-triq kif ukoll fuq il-bankina. Għaldaqstant saqsew hekk din it-triq għadiex safe għar-residenti kif ukoll li nhallu aċċess għal-garaxxijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmathom li hija ikkuntatjat lill-Perit Albert Spiteri li huwa mqabbad mil-Ministeru u huwa responsabbli ta' dawn ix-xogħlijiet li qed isiru kif ukoll lill-foreman tal-kuntrattur li qed jaħdem f'din it-triq u tnejn li huma ikkonfermawlha li m'hemmx periklu kemm għan-nies, kif ukoll għall- karozzi u l-bini.**

## 2.5 *Correction of Financial Statements 2018;*

**2.5.1** **Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi is-Sur Pierre Mangion, *Accountant* tal-Kunsill Lokali, ser jgħati spjega tal- *Corrections of Financial Statements 2018.***

**L-*Accountant* tal-Kunsill Lokali spjega is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali.**

**Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2018. Il-Kunsill approva unanimament.**

## 2.6 *Quarterly Financial Report;*

**2.6.1** **Is-Sindku Max Zammit ressaq Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart tas-sena 2019. Il-Kunsillier E. Muscat ressaq mozzjoni favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi, issekondat mill-Kunsillier Ronnie Portelli. Il-Kunsill unanimament approva r-Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart tas-sena.**

**L-*Accountant* tal-Kunsill Pierre Mangion, ippreżenta l-*Bank Reconciliation Statements* tal-ewwel kwart tas-sena 2019 għal approvazzjoni tal-Kunsill.**

**Il-Kunsill approva dawn l-*bank reconciliation satetements* b'mod unanimu**

## 2.7 Intejbu l-Indafa f'pajjiżna;

**2.7.1** **Il-kumpanija tal-*GreenPak* uriet ix-xewqa li tiltaqa mal-kunsill biex niddiskutu kif nistgħu ntejbu l-indafa f'Ta' Xbiex. Għal-laqgħa ġew l-Ing Schembri u s-Sinjura Denise Brincat.**

**2.7.2** **L-Ing Schembri qal li minn mindu introduċew l-*ibins* innotaw li dawn ntlaqaw tajjeb ħafna mir-residenti li tant u hekk kellhom jżidu servizz li anke bil-lejl jiġu jbattlu il-karta kif ukoll il-plastik. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li għalkemm dawn jaħdmu b'*Mobile App* jiġifieri suppost nirċievu notifika ta' meta dawn ikunu waslu biex jimtlew xorta wahda qed tibqa l-istess probelma li qed iddumu biex jiġu jitbattlu l-*Ibins* u qed nispiċċaw b'hafna boroż tal-iskart madwar l-*Ibins*.**

**2.7.3** **Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni fuq l-*Underground bins* li kemm il-darba nirrapurtaw meta jimtlew iżda biex jiġu jbattluhom ġieli damu ġimgħat sħaħ. L-Ing Schembri infurmana li qed jaħdmu fuq sistema tal-*Underground Bins* biex ikollna servizz aħjar. Qalulna ukoll li fuq affarijiet bħal dawn nibdew nikkuntattjaw lis-Sinjura Claire Farrugia.**

**2.7.4** **Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għalkemm madwar sentejn ilu kienet twaħħlet *cctv camera* min naħa tal-*GreenPak* biex inkunu nistgħu naqbdu min qed jitfa ammont kbir ta' skart madwar l-*Ibins* li hemm fi Triq ix-Xatt xorta waħda qatt ma qbadna lil ħadd u bqajna bl-istess sitwazzjoni. Qalet ukoll li ma tistax tifhem kif jista jkun li fiżmien sentejn qatt ma qalulna li qabdu lil xi ħadd. L-Ing Schembri u s-Sinjura Denise Brincat qalulna li se jiċċekjaw għax suppost kull meta jinġabar il-*footage*, jgħaddu kopja lill-Kunsill kif ukoll kopja lil ERA.**

**2.7.5** **L-Ing Schembri u s-Sinjura Denise Brincat infurmawna li kuljum bil-lejl qed jgħaddu mix-xatt u jiġbru l-ħġieġ kollu.**

**2.7.6** **Is-Sindku qallhom ukoll li huwa jemmen li biex innaqsu l-abbużi li jitfgħu l-iskart ħdejn l-*Ibins* irrid ikun hemm *cctv camera* installata fuq kull *site* fejn hemm l-*Ibins*. L-Ing Schmebri qalilna li din m'għandiex tkun problema għax għandu *budget* għalhekk.**

## 2.8 *Environmental Officer*;

**2.8.1** **Sindku qal li ltaqa mas-Sur Frank Roe u saqsieh hekk għadux interessat għal din il-pożizzjoni u infurmah li s-Sur Michael Calleja wera x-xewqa li jrid jibqa. Pero Frank qal li ma kienx jaf li s-Sur Michael Calleja jrid jibqa u għamilha ċara li bl-ebda mod ma jrid li joħodlu postu. Is-Sur Frank Roe qal li huwa kien tħajjar għal din il-pożizzjoni minħabba li l-Kunsilliera Ronald Portelli u Eugenio Muscat avviċinawh huma biex jkollu xogħol ġewwa il-kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li qal is-Sindku għax tkelmet darboħra mas- Sur Frank Roe u qalilha l-istess diskors.**

**2.8.2** **Is-Sindku propona biex nieħdu deċiżjoni biex naraw hekk hux ha jibdew jaħdmu bis-Sur Michael Calleja la s-Sur Frank Roe m'għadux rrid l-istess pożizzjoni. Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li peress li huwa impjieg jixtieq li toħroġ *call* u l-Kunsillier Ronald Portelli qabel. Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti u s-Sindku Max Zammit jaqblu li hekk tippermetti il-liġi ntuwha lis-Sur Michael Calleja għax-xogħol diġa jafu u jemmnu li huwa tajjeb għal din il-pożizzjoni u f'dan ix-xahar li ma ħadimx magħna nħass in-nuqqas tiegħu.**

**2.8.3** **Is-Segretarju Eżekuttiv ordna biex jittieħed vot u ġew 3 favur u 2 kontra. Il-Mozzjoni għaddiet.**

## 2.9 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

**2.9.1** **Ma kienx hemm**

## 2.10 *Rapporti mill-Kunsilliera;*

**2.10.1** **Il-Viċi Sindku Oriana Calleja qalet li rċevejna ċirkulari biex nieħdu sehem fil-*Malta Pride Initiative*. Hija issuggerriet li nizbghu z-zebra crossing li hemm Triq ix-Xatt bil-kuluri tal-qawsalla. Il-Kunsillier Eugenio Muscat ma qabilx.**

**Ittieħed vot u ġew 4 favur ,1 kontra. Il-Mozzjoni għaddiet.**

**2.10.2** **Il-Viċi Sindku Oriana Calleja proponiet li nagħmlu laqgħa edukattiva fuq is-servizzi soċjali li tkun miftuħa għar-residenti fejn tinfurma lin-nies x'servizzi jgħatu u kif jistgħu japplikaw għalihom. Qalet ukoll li laqgħa oħra li tkun interessanti hija fuq *security and self defense.***

**Il-Kunsill qabel unanimament.**

**2.11 Il-laqgħ a li jmiss ħ a ssir l-Erbgha 7 ta’ Awwissu, 2019 fil-ħ amsa u nofs ta’ filgħ axija.**

**Il-laqgħ a intemmet fis-sebgħ a u nofs ta’ filgħ axija.**

**Konfermati llum l-Erbgħ a 7 ta’ Awwissu 2019.**

| | |
|---|---|
| **Max Zammit**<br>**Sindku** | **Yasmine Tonna**<br>**Segretarju Eż ekuttiv** |